MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 136/2015

**Schembri Infrastructures Limited (C 17388)**

**vs**

**The General Soft Drinks Company Limited (C 1591)**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ gie premess dan:-

Illi s-socjeta' Attrici kienet wettqet xoghlijiet u cioe *retention tarmac works* ghall-progett fl-istabbiliment il-gdid gewwa l-Marsa tas-socjeta' konvenuta The Geeral Soft Drinks Company Limited (C 1591) u dan versu l-prezz ta' elfejn, tliet mija u tlieta u tmenin euro u wiehed u sebghin centezmu (€2,383.7c) kif johrog mill-fattura relattiva datata t-3 ta' Frar 2011, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala **"Dokument A"**.

Illi minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas l-imsemmi ammont, oltre l-imghaxijiet legali relativi, permezz tal-ittra ufficjali (166A) datata 15 ta' Dicembru, 2014 kopja ta' liema qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dokument B" din baqghat inadempjenti;

Imbaghad intalab li s-Socjeta' Konvenuta tigi kundannata thallas lis-Socjeta' Attrici l-ammont ta' €2,383.71c, bl-imghax u spejjes.

2. B'RISPOSTA giet eccipita l-preskrizzjoni ai termini tal-art 2149(a) tal-Kap 16. Salvi eccezzjonijiet ohra a beneficcju tas-Socjeta' Konvenuta.

3. Bhala prova, minn naha tas-Socjeta' Attrici xehdet **Rodianne Bonnici** li qalet li hi *senior accounts clerk*. Din esibiet emails li, permezz ta' verbal fl-udjenza tad-19/5/2015 (*fol* 14) gie registrat ftehim bejn il-partijiet li dwar l-istess dokumenti m'hemmx ghalfejn tixhed Itiana Schembri. Minn naha tas-Socjeta' Konvenuta ma xehed hadd.

4. Hawn it-TRIBUNAL qed jikkunsidra jekk tregix l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond art 2149 (a) tal-Kap 15, li hi wahda ta' sentejn u tirriferi, *inter alia*, ghal xoghol minn kuntratturi kif inhu l-kaz prezenti, xoghol ta' tarmac fuq ordni u a beneficcju tas-Socjeta' Konvenuta.

5. Id-Dok RB *a fol* 17 esibit minn Rodianne Bonnici juri, skond hi, ix-xoghol kemm ikun ser jiswa skond il-perit, imma l-hlasijiet jigu registrati mod iehor. Dok RB hu datat 1/6/2009. Hi stqarret li kienu jsiru komunikazjzonijiet ma Brian Galea ghas-Socjeta' Konvenuta li kien anke talabha *retention* ta' 5%. Issa l-emails, li, kif accettat mill-kontendenti iridu jitqiesu bhala prova juru (ara Dok RB4 *a fol* 21) komunikazzjoni bejn Rodianne Brincat u Brian Galea, matul ix-xahar ta' Novembru 2014 fejn dan qed jitlob kjarifikazzjonijiet li ovvjament jinterrompu kull zmien preskrittiv li issa trid tintrinceja ruhha warajh is-Socjeta' Konvenuta. Din l-imgieba hi ghal kollox differenti minn wahda ta' cahda totali da parti ta' debitur, kif ghandu jkun hemm biex tirnexxi d-difiza tal-preskrizzjoni (ara App. Civ. Inf Antonia Attard Gialanze' vs Emmanel u Doris Rizzo, dec 29/1/1998)

DECIZJONI PRELIMINARI

It-TRIBUNAL, wara li qies dan kollu u wara li qies is-sottomissjoni tad-difensuri, **jichad** l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u jordna li l-kawza tigi differita ghas-16 ta' Ottubru, 2015 ghall-provi fuq il-mertu. Spejjes ta' din id-decizjoni preliminari imhollija ghal mas-sentenza finali

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------